MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 47

12 ta' Jannar 2011

Minuti tas-Seduta Nru. 47 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 12 ta' Jannar 2011.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta Nru. 46 tas-16 ta' Diċembru 2010 mingħajr emendi. Il-minuti ġew għalhekk iffirmati.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Ftehim - Tmexxija tal-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija (A/6/7/2/Vol II)

2.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 12.1. tas-seduta preċedenti u għarraf l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina talbet il-permess tal-Kunsill biex tiksi l-ħajt tal-ispiżerija Mellieħa Pharmacy f'Nru. 107, Triq Ġorġ **Borg Olivier,** li jidher min-naħa tax-xelter imsemmi. Il-proprjetarji tal-ispiżerija – A.M. Mangion Ltd – fdaw dan l-inkarigu lill-Għaqda bil-għan li l-ħajt in kwistjoni jingħata d-dehra ta' blat imbaqqan, kif kien oriġinarjament.

2.1.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

2.1.4. L-istess għaqda nfurmat ukoll li għadhom ma ttieħdu ebda passi min-naħa tal-Maritim Hotel Antonin & Spa dwar il-*cables*, kif ukoll mis-sid ta' Dainty Boutique dwar il-bokka li nfetħet mill-kantina tal-istess ħanut.

2.1.5. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jibgħat it-tieni u l-aħħar avviż dwar dan iż-żewġ każi.

### 2.2.1. Użu tal-faċilitajiet fl-Iskola Primarja (S/3/6)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u qal li saret laqgħa mal-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Impjiegi u l-Familja dwar is-sitwazzjoni li tikkonċerna l-użu tal-faċilitajiet fil-bitħa tal-Iskola Primarja, wara l-ħin. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa ġie mwiegħed li ser ikun hemm deċiżjoni dwar din il-materja fil-futur qarib.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Korsijiet tal-bizzilla taħt l-Iskema Tagħlim Tul-il Ħajja (E/3/1/Vol III)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li huwa ltaqa' ma' diriġenti tal-Ladies Craft Circle, meta ġiet trattata il-kwistjoni dwar l-attendenza ta' tifel f'wieħed mill-korsijiet tal-bizzilla. Is-Sur R. Cutajar qal li jidher il-każ ingħalaq.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1. Proġett tal-*Heritage Trail* fl-Imġiebaħ u Selmun (P/10/3/Vol II)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li t-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern għaddiet iċ-ċwievet tal-kmamar li hemm quddiem il-Palazz wara li żkumbrat dawn il-kmamar, li kienu qed jiġu okkupati mingħajr titolu.

2.4.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp u qabel li fis-seduta li jmiss għandu jiddiskuti r-rapport li sar mill-Fundazzjoni ARKEO dwar il-*heritage trail*.

### 2.5.1. Restawr tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1)

**2.5.2.** Il-Kunsillier J. Buttigieg irrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li għamel żjara fit-Torri l-Abjad flimkien mal-membri tal-Historical Military and Maritime Society. Huwa qal li l-post qed jiġi vadalizzat u misruq. Għaldaqstant ippropona li ssir xatba tal-ħadid sabiex ma jidħlux vetturi sat-torri, filwaqt li l-lampa eżistenti tinbidel f'riflettur sabiex il-bini jkun aktar mdawwal bil-lejl. Bini li żdied mat-torri mingħajr permess jista' jitneħħa wara li ssir laqgħa mal-MEPA dwar dan, fejn għandu jiġi stabbilit ukoll l-applikazzjonijiet li jridu jiġu sottomessi sabiex isiru l-interventi meħtieġa fuq it-torri. Is-Sur J. Buttigieg ippropona wkoll li ssir tabella li tgħid illi l-bini qed jiġi restawrat.

**2.5.3.** Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

### 2.6.1. Milied Mellieħi 2010 (A/5/3/6/Vol III)

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 9.1. tas-seduta preċedenti, u għarraf li l-għaqdiet li ħadu sehem f'Milied Mellieħi, flimkien għamlu donazzjoni ta' €7,100 lid-Dar tal-Providenza - €1,400 iktar mill-edizzjoni tal-2009. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-fatt li l-konkorrenza tal-pubbliku kienet numeruża tul-il ġimgħa kollha. Huwa ppropona li aktar-il quddiem għandha ssir *post mortem* bil-għan li andament tal-edizzjoni li jmiss jiġi rfinat wara l-esperjenza tat-tliet edizzjonijiet passati.

2.6.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi kkummenta li t-*trackless train* m'għandiex tiddaħħal taħt it-tinda minħabba r-rassa tan-nies, kif ukoll toħloq distrazzjoni waqt li jkun għaddej l-ispettaklu fuq il-palk.

2.6.4. Is-Sindku wieġeb li t-*trackless train* toħloq effett sabiħ taħt it-tinda, filwaqt li ma ttellef xejn mill-attivitajiet li jkunu għaddejjin. Huwa qal li ntervjena meta kienu qed jindaqqu qniepen waqt li kien għaddej l-ispettaklu fuq il-palk, peress li fl-opinjoni tiegħu kien qed itellef.

2.6.5. Il-Kunsillier H. Fenech qal li jkun hemm tqassim aħjar tan-nies u anqas iffullar, kieku l-i*stands* tal-ikel jitbiegħdu aktar mill-palk.

### 2.7.1. Impjieg ta' skrivana fi Skala 15 (P/7/1/Vol VIII)

2.7.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 10.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li s-Sinjorina Amada Grima bdiet l-impjieg tagħħa mas-Segretarjat tal-Kunsill fi Skala 15 b'effett mill-1 ta' Jannar 2011.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.8.1. *Premio per l'Ambiente Gianfanco Merli 2010* (P/10/4)

2.8.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 13.1. tas-seduta preċedenti u għarraf illi waqt l-attivita` li kien hemm fid-9 ta' Diċembru 2010, saru kuntatti bejn is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali l-Onor. Chris Said u l-Professur Corrado Monaca tal-Movimento Azzurro dwar il-possibilta` li l-*Green Challenge Award* jibda jsir fuq bażi internazzjonali bejn is-Segretarjat Parlamentari u l-Movimento Azzurro. Kemm-il darba din il-proposta titwettaq, l-ewwel edizzjoni tkun f'lokalita` f'Malta u sussegwentement tkompli barra.

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 13/12/10 – 05/01/11
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 30/11/10 – 16/12/10
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 17/12/10 – 21/12/10
- *Purchase Request Form* – 05/01/11

- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Riġenerazzjoni f'Oqsma tal-Bini tal-Gvern (B/7)

4.1.2. Saret referenza għal Memo 1/2011 datat 3 ta' Jannar 2011, fejn tħabbru linji gwida dwar skema mfassla mill-Awtorita` tad-Djar li hija ntiża biex tirreġenera l-oqsma madwar il-bini tal-Gvern waqt li toffri għajnuna edukattiva lir-residenti tal-istess oqsma. Is-Segretarju talab lill-Kunsill sabiex jiddeċieda dwar jekk huwiex ser jipparteċipa jew le. F'każ li iva għandu jiddiskuti dwar il-mod li bih ser jieħu sehem.

4.1.3. Ġie spjegat li l-Awtorita' tad-Djar se toħroġ sejħa pubblika miftuħa għal dawk il-Kunsilli Lokali li għandhom oqsma tad-djar fil-lokalitajiet tagħhom. F'din is-sejħa jingħata perijodu ta' xahar sabiex il-Kunsilli jkunu jistgħu jitfgħu proposti bil-miktub għal proġetti taħt din l-iskema. Dawn il-proġetti jridu jilħqu ż-żewġ għanijiet tal-iskema u għalhekk iridu jinkludu:

Proġetti ta' tisbiħ ta' madwar tal-binjiet tal-Gvern bħal:

a. Manutenzjoni u/jew *upgrading* tal-madwar immedjat tal-binjiet;

b. Pjan biex ikun hemm aktar aċċessibilita'

c. *Landscaping* fil-madwar permezz ta' siġar u pjanti etc.

d. Manutenzjoni tal-bankini u passaġġi fil-madwar il-binjiet;

e. Maniġġjar aħjar tal-iskart;

f. Maniġġar tal-parkeġġi;

g. Miżuri ambjentali li jiffrankaw l-enerġija;

h. *Playfields* jew *open spaces* għar-residenti.

Programmi edukattivi u ta' taħriġ u inizjattivi soċjali **bħal**:

a. Korsijiet ta' ICT lit-tfal jew lil kbar li jgħixu fl-oqsma tad-djar tal-Gvern;
b. Korsijiet biex jgħinu l-ġenituri jifhmu r-rwol tagħhom (*parental skills, budgetinig skills* etc);
c. Għajnuna lit-tfal biex ikunu jistgħu jagħmlu l-istudju/*homework* wara l-ħin tal-iskola;
d. Korsijiet għat-tfal bħal korsijiet ta' tpinġija, *typing,* daqq ta' instrumenti etc.
e. Korsijiet biex jgħinu lil persuni biex jaqraw, jiktbu, isajjru, *interior designing*, ħjata, kura tal-pjanti eċċ;
f. Sapport meħtieġ fejn hemm problemi ta' saħħa fiżika u mentali;
g. Attivitajiet għal anzjani biex dawn ikollhom kwalita' ta' ħajja aħjar;
h. Sapport u attivitajiet għal persuni b'diżabilita'.
i. Inizjattivi sabiex titnaqqas il-kriminalita' u l-vandaliżmu.
j. Programmi sabiex insaħħu l-potenzjal u l-involviment tar-residenti fil-komunita`

4.1.4. Kull proposta trid tkun tinkludi d-dettalji kollha magħmula minn perit fuq liema qasam ser isir ix-xogħol, xogħol li hemm bżonn isir, l-istimi meħtieġa, iż-żmien meta x-xogħol ikun lest u min ser jibbenifika. Il-proposta trid tkun tinkludi wkoll progamm b'inizjattivi edukattivi u soċjali li ser isiru, min ser jagħti dan is-servizz, iż-żmien li fih ser isiru dawn l-attivitajiet u min ser jibbenefika minn dawn l-inizjattivi.

4.1.5. Għalkemm il-Kunsill kien konvint li għandu japplika taħt xi aspett jew ieħor tal-iskema, kien hemm qbil li għandu jingħata żmien sas-seduta li jmiss qabel issir diskussjoni dwar dan is-suġġett.

### 4.2.1. Twaqqif ta' monument fir-*roundabout* ta' Triq Qasam Barrani / Triq il-Mitħna l-Ġdida (K/6/4/1)

4.2.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 8 ta' Jannar 2011, mibgħut mis-Sur Ricky Caruana, fejn qal li ma jistax jersaq għall-iffirmar tal-kuntratt biex jitwettaq ix-xogħol imsemmi, minħabba li l-fornitur tiegħu fi Sqallija għarrfu li mhux possibbli illi jaħdem bi prezz inqas minn €14,000, meta dak offrut lill-Kunsill kien ta' €8,800. Il-Kunsill ġie mgħarraf li meta saret sejħa għall-offerti 4/2010 kienu wieġbu għaliha Hal Mann Ltd li kkwotaw prezz ta' €15,807, filwaqt li l-istima tal-perit kienet ta' €19,975.

4.2.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu joffri l-kuntratt lil Hal Mann Ltd bl-istess prezz ikkwotat fl-offerta tiegħu, sakemm m'hemmx xejn kontra fil-leġiżlazzjoni li tirregola l-offerti.

### 4.3.1. Wirja tal-Mejda tal-Appostli (S/6/Vol II)(T/4/3/Vol II)

4.3.2. Saret referenza għall-ittra datata 6 ta' Jannar 2011, mibgħuta mill-Grupp Organizzattiv Mejda tal-Appostli Mellieħa, fejn talbu lill-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni tal-wirja li ser issir fiċ-Ċentru Parrokkjali bejn it-12 u t-22 ta' April 2011.

4.3.3. Il-Kunsill qabel li jissieħeb fl-organizzazzjoni tal-wirja, filwaqt li ddeċieda li l-involviment tiegħu m'għandux jaqbeż €300.

### 4.4.1. Twaħħil ta' *notice boards* mill-MEPA (A/2/Vol XI)

4.4.2. Saret referenza għall-ċirkulari 81/2010 tal-24 ta' Novembru 2010 li ntbagħtet mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Fiha ntqal li f'diskussjonijiet li kien hemm bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-MEPA intlaħaq ftehim li l-avviżi dwar informazzjoni fuq zvilupp, iridu jeħlu ma' *notice-board* fil-lokalitajiet kollha ta' Malta u Ghawdex. Għaldaqstant il-Kunsilli intalbu jindikaw l-ahjar postijiet għal dawn in-*notice boards*.

4.4.3. Il-Kunsill qabel li din titwaħħal b'dahra lejn l-iskola fil-parkeġġ li hemm bejn Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida. Dan sakemm it-tabella proposta ma tiħux ħafna mill-wisa' tal-bankina.

### 4.5.1. Proġett *Terra Mirabilis* (P/10/12)

4.5.2. Is-Sindku rrefera għal stedina datata 8 ta' Jannar 2011, li saret mill-Comune di Casalborgone f'Turin l-Italja, sabiex il-Mellieħa tieħu sehem fi proġett li jinvolvi tliet konferenzi, flimkien mal-Muniċipalita` ta' Vecpiebalgas fil-Latvia u possibilment lokalita` oħra mir-Rumanija. Casalborgone li huma l-kordinaturi ta' din l-inizjattiva ser jagħmlu talba sabiex jinkiseb finanzjament taħt il-Programm EUROPE FOR CITIZENS Azzjoni 1: Miżura 1.2. tal-Unjoni Ewropea. Is-Sur R. Cutajar spjega li t-tema tat-tliet konferenzi proposti ser tkun "*La Tutela del Territorio e dell'Ambiente: Casi Europei a Confronto*". L-ewwel konferenza hija proposta li sseħħ f'Casalborgone bejn is-17 u d-19 ta' Settembru 2011, it-tieni waħda fil-Mellieħa bejn it-23 u s-26 ta' Frar 2012, u t-tielet waħda f'Casalborgone bejn il-25 u s-27 ta' Marzu 2012.

4.5.3. Il-Kunsill qabel li għandu jaċċetta din l-istedina.

### 4.6.1. Ħannieqa Kotba Melleħin (P/3/5)

4.6.2. Is-Sindku rrefera għall-*e-mail* datat 10 ta' Jannar 2011, mibgħut mis-Sur David Azzopardi li ppropona lill-Kunsill sabiex jippubblika xogħol ta' proża li huwa kiteb bit-titlu "Iz-Żija tal-Mellieħa". Is-Sur Azzopardi bgħatt ukoll siltiet mill-istess kitbiet. Meta huwa ġie kkuntattjat qal li l-ktieb fih madwar 100 paġna, u bħala rikonoxximent qed jitlob li jingħata 20 kopja biss.

4.6.3. Billi l-ktieb huwa ambjentat fil-Mellieħa, il-Kunsill qabel li għandu jikkonsidra l-pubblikazzjoni tiegħu fis-sensiela Ħannieqa Kotba Melleħin.

### 4.7.1. *Notti Blu* 2011 f'Pozzallo (A/5/3/Vol X)

4.7.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf illi l-Comune di Pozzallo fi Sqallija reġa stieden lill-Kunsill sabiex persuni Melleħin jieħdu sehem fl-aspetti differenti tal-attivita` msemmija.

4.7.3. Il-Kunsill qal li jikkonsidra din it-talba hekk kif jingħataw aktar dettalji.

### 4.8.1. Proġett "Festa Ġemellaġġi 2011" (K/12)

4.8.2. Il-Kunsill irrefera għal *e-mail* datat 10 ta' Jannar 2011, mibgħut mis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali fejn għarraf li kiseb finanzjament taħt il-Programm *Europe for Citizens* tal-Unjoni Ewropea biex jorganizza il-proġett Festa Ġemellaġġi li ser ikun imfassal fuq tliet binari:

- Konferenza fejn jiġu diskussi esperjenzi li saru bejn il-Kunsilli Lokali u l-lokalitajiet ġemellati magħhom (11 u 12 ta' April 2011);
- Wirja tal-arti fil-Ġurnata Ewropea (9 ta' Mejju 2011) fejn jiġu mistiedna artisti lokali u barranin mill-lokalitajiet ġemellati; u
- *Networking Session* (Settembru 2011).

4.8.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab lill-Kunsilli Lokali jinfurmaw lill-*partners* barranin tagħkom ħalli jindikaw jekk għandhomx il-ħsieb li jiġu għal dawn l-attivitajiet. Hu l-ħsieb li kull persuna barranija li tattendi mil-lokalitajiet ġemellati tingħata €50 bħala għajnuna finanzjarja biex jitnaqqsu mill-ispejjez li jista' jkun hemm min-naħa tal-barranin biex ikopru t-titjiriet u l-akkommodazzjoni jekk ser idumu aktar minn lejl wiehed u ikliet. B'hekk il-Kunsilli jkunu jistgħu jeħdulhom ħsieb tal-akkommodazzjoni u t-trasport bejn il-post fejn ser joqgħodu u l-post fejn jittellgħu l-attivitajiet. Il-massimu ta' persuni huwa ta' ħamsa minn kull lokalita` barranija. Il-parteċipanti barranin għandhom jiġu mistoqsija dwar jekk jkunux lesti biex waqt l-attivitajiet imsemmija, speċjalment il-konferenza, li jagħmlu xi intervti fejn jaqsmu l-esperjenzi tagħhom fuq inizjattivi li ħadu ma' *partners* ġemellati magħhom. Il-Kunsill ġie mgħarraf li dan it-tagħrif għandu jasal għand id-Dipartiment sat-28 ta' Jannar 2011.

4.8.4. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa billi jistieden il-lokalitajiet ġemellati ta' Adenau, Cavriglia u Agia Napa.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 5 ta' Jannar 2011.

5.3. Is-Sindku rrefera għall-*item* 64 tal-iskeda u spjega li n-nefqa tinvolvi x-xiri ta' armarju għal kċina meħtieġ fiċ-Ċentru ta' Matul il-Lejl f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa li ser jiġi nawgurat fl-24 ta' Frar 2011. Huwa qal ukoll li l-istess post diġa qed jiffunzjona bħala Ċentru ta' Matul il-Jum u dalwaqt ser ikollu s-servizzi ta' *hairdresser* u podoloġista.

5.4. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn it-13 ta' Diċembru 2010 u l-5 ta' Jannar 2011. Tressqu wkoll żewġ skedi ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* li bejniethom ikopru bejn it-30 ta' Novembru u s-16 ta' Diċembru 2010.

6.3. Il-Kunsill approva t-tliet skedi msemmija u għalhekk ġew iffirmati.

### 7.1. Proġett dwar il-*Floodlighting* ta' Bini fi Triq l-Erwieħ u Triq l-Inkurunazzjoni (P/4/14)

7.2. Is-seduta ġiet sospiża billi f'dik preċedenti kien miftiehem li l-Ing. Renzo Curmi kellu jattendi ħalli jressaq it-tieni proposta tiegħu dwar il-*floodlighting* tal-faċċata tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, il-ġenb tal-Knisja Parrokkjali u l-ħitan li hemm mal-ġnub tat-toroq imsemmija. L-ispjegazzjoni kienet faċilitata` permezz tal-grafika.

7.3. L-Ing. Curmi spjeġa li t-tieni proposta tiegħu tikkonsisti fit-twaħħil ta' arbli u rifletturi skond l-iskeda t'hawn taħt:

| Post minn fejn ikun ġej is-sors tad-Dawl | Numru ta' Arbli | Numru ta' Rifletturi |
|---|---|---|
| Triq l-Erwieħ | 3 | 6 |
| Triq l-Erwieħ (*Soft area* ta' taħt l-arkata) | 0 | 1 |
| Triq l-Erwieħ (Niċċa ta' taħt l-arkata) | 0 | 1 |
| Triq l-Inkurunazzjoni (fit-triq infisha) | 5 | 8 |
| Triq Salvinu Vella | 1 | 2 |
| Blat ta' Taħt il-Belleveder tas-Sur | 0 | 1 |
| Taħt il-*Playing Field* | 0 | 6 |

.

7.4. Is-Sur Curmi aċċenna għall-fatt illi diġa jeżistu arbli fi Triq Salvinu Vella u fi Triq l-Inkurunazzjoni. Dawn jistgħu jiġu wtilizzati bil-permess tal-Korporazzjoni Enemalta, sakemm il-*cables* li hemm magħhom huma fi stat tajjeb. Huwa spjega wkoll li għalkemm Triq l-Erwieħ tidher li ser ikollha tliet arbli b'żewġ rifletturi kull wieħed, dawn jistgħu jitnaqqsu skond il-ħtieġa. Is-Sur Curmi qal li jeżistu rifletturi tat-tip *warm white* li jieħdu *colour filters* li jistgħu jintramaw f'okkażjonijiet speċjali sabiex jagħtu effett differenti minn tas-soltu.

7.5. Meta tkompliet is-seduta, xi kunsillieri esprimew ir-riżervi tagħhom li l-blat ta' taħt il-*playingfield* jiġi mdawwal ukoll, peress li dan fiħ numru ta' bibien ta' garaxxijiet. Ġie ssuġġerit li minflok għandha tinxtegħel il-kopla. L-Ing. Curmi kkummenta li dak il-każ ikunu jridu jinxtegħelu l-kampnari wkoll, kif ukoll ikun jirrikjedi *elevation survey* tal-bini oltre dak li diġa sar.

7.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li d-dwal ta' taħt il-*playingfield* għandhom jitneħħew, filwaqt li dak tal-koppla u l-kampnari għandhom jiġi kkunsidrat bħala fażi oħra tal-proġett, bil-permess tal-Kappillan.

7.7. Is-Sur Curmi qal li l-proġett ġie stmat €80,000, iżda din ser tiġi riveduta fid-dawl tad-deċiżjonijiet meħuda.

7.8. Ġie deċiż ukoll li Galea Curmi Engineering Consultants bħala *contract manager* tal-Kunsill fuq id-Dwal tat-Toroq għandhom jintalbu jħejju dokument tal-offerta sabiex jiġi fornut it-tagħmir meħtieġ, biex ikun jista' jintrama fuq il-post mill-kuntrattur responsabbli mid-Dwal tat-Toroq, Lighthouse Keepers.

7.9. Kien hemm qbil ukoll li l-Ing. Curmi għandu jagħmel evalwazzjoni tal-konsum tal-elettriku mid-dwal eżistenti fiż-żona affettwata sabiex tkun tista' issir talba lill-Korporazzjoni Enemalta bil-għan li s-sistema l-ġdida titqabbad mal-provista tad-dwal tat-toroq.

## 8.1. Estimi Finanzjarji 2011 (F/1/22)

8.2. Is-Segretarju għarraf li kopja tal-estimi riveduti skond id-deċiżjonijiet li ttieħdu fis-seduta preċedenti, kienu ntbagħtu lill-Kunsillieri kollha qabel is-seduta.

8.3. Is-Sindku rrefera għall-vot tal-Park tal-Familja (7509) u qal li dan jeħtieġ jiżdied biex jiġi sostnut ritmu ta' xogħol aktar mgħaġġel fuq dan il-proġett. Fakkar ukoll li t-Tielet Fażi tar-*Resurfacing* ta' Triq il-Kbira ġiet posposta għal Jannar 2012. Huwa għalhekk ippropona li vot tar-*Road Resurfacing* (7502) għandu jitnaqqas biex jagħmel tajjeb biss għal kisi mill-ġdid ta' Triq l-Armier li ser issir permezz ta' *public private partnership*.

8.4. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li fir-rigward ta' Triq l-Armier, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali qed jiggarantixxi li matul l-2011 jghaddi lill-Kunsill nofs il-pagament li jrid isir malli jitlesta x-xoghol ta' *resurfacing*, ossija €144,535.60 li jammontaw għal 20% tal-valur kollu stmat tax-xoghol. L-20% l-oħra jeħtieġ li jitħallsu mill-Kunsill. Is-Sur C. Debono fakkar li għalkemm m'hemm xejn ħażin li jsir dan l-eżerċiżżju, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali qed jimponi *ring fencing* fuq l-infieq marbut mal-manutenzjoni tat-toroq. Minkejja dan huwa

kkummenta wkoll li l-Kunsill ilu għaddej bi programm ta' *resurfacing* mill-1999 u għalhekk onora l-obbligi tiegħu tant li llum numru żgħir ta' toroq m'humiex bit-tarmak.

8.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li m'hemm xejn x'jżomm lill-Kunsill milli jitrasferixxi minn vot għal'ieħor skond il-ħtieġa aktar 'il quddiem.

8.6. Il-Kunsill qabel li l-vot tar-*Road Resurfacing* (7502), kif ukoll dak tal-*Floodlighting* taż-żona Ta' Triq l-Erwieħ / Inkurunazzjoni (7504) għandhom jitnaqqsu għal €300,000 u €50,000, rispettivament biex jagħmlu tajjeb għal nefqa ta' €370,000 fuq il-Park tal-Familja (7509).

8.7. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għal vot 7001 li jipprovdi għall-akkwist ta' fond bil-għan li jiġi estiż l-uffiċċju amministrattiv. Huwa qal li għad m'hemmx *consensus* biex isir dan il-pass.

8.8. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li biex il-fond propost li jinxtara jkun aċċessibbli, jeħtieġ li tinżamm miftuħa l-parti eżistenti bi dħul minn Triq il-Mitħna l-Ġdida.

8.9. Is-Sindku R. Cutajar wieġeb li l-limitazzjonijiet fl-ispażju tal-uffiċċju eżistenti qed iġiegħel lill-Kunsill juża l-Iskola Primarja anke biex issir laqgħa għal ftit persuni jew biex jorganizza l-korsijiet. Huwa qal li tkellem ma diversi nies illi ssuġġerewli l-akkwist tal-bini li kien jakkomoda l-Mellieħa Sports Club, kif ukoll saru anke rapporti mill-perit tal-Kunsill li jiddeskrivu l-vantaġġi tal-fond in kwistjoni. Huwa fakkar ukoll li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien ta l-kunsens tiegħu biex ikunu jistgħu jsiru kuntatti mas-sidien tal-istess fond mingħajr il-ħtieġa li ssir sejħa għall-offerti.

8.10. Il-Kunsill iddeċieda li dan is-suġġett għandu jitqiegħed fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss.

## 9.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill 2011 (A/5/3/6/Vol III)

9.2. Is-Sindku ressaq abbozz tal-programm dwar Jum il-Kunsill li jkopri bejn il-25 u 27 ta' Frar 2011. Is-Sur R. Cutajar ippropona li dan ikun kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| Il-Gimgha 25 ta' Frar | 10.00am | Attivita` għat-tfal tal-Iskola Primarja |
| | 7.30pm | Serata fejn jiġu ppreżentati l-onorefiċenzi li tkun taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta. Kunċert ta' mużika *live* mill-band ta' Philip Vella bit-tema tkun ix-xogħol u s-snajja antiki b'narrattiva dwar dati storiċi marbuta mal-Mellieħa. *Video clip* dwar ħidmet il-Kunsill matul l-2010, li jinkludi diskors mis-Sindku. Fl-għeluq id-diskors tal-President Dr George Abela. |
| Is-Sibt 26 ta' Frar | 9.00am | Attivita` sportiva fil-kumpless sportiv f'Ta' Pennellu bl-involviment tal-għaqdiet sportivi kollha tal-Mellieħa. |
| Il-Ħadd 27 ta' Frar | 9.30am | Quddiesa għall-għaqdiet Melleħin fejn jattendi il-President ta' Malta. |
| | 10.30am | Mart il-President ta' Malta, is-Sinjura Margaret Abela iżżur l-anzjani residenti f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa. |
| | 11.00am | Inawgurazzjoni tal-Ġnien/*Playground* f'Mellieħa Heights mill-President ta' Malta. |

9.3. Is-Sindku kompla jispjega li l-ispettaklu mużikali fis-serata tal-25 ta' Frar mhux mistenni li jieħu aktar minn 40 minuta, filwaqt li qed isiru kuntatti sabiex għall-ewwel darba, is-serata ssir f'lukanda u mhux fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja. Fl-attivitajiet sportivi tas-26 ta' Frar għandhom jipparteċipaw żgħażagħ minn Għajnsielem bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' dik il-lokalita`.

9.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg aċċenna għall-fatt li hemm diversi nomini li saru numru ta' snin ilu u għalhekk ma jagħmilx sens li dawn jitħallew hemm. Huwa għalhekk ippropona li jiġi stabbilit perjodu sakemm dawn għandhom jibqgħu eligibbli.

9.5. Il-Kunsill innota l-proposta mressqa, iżda ddeċieda li l-kriterji applikabbli għal din is-sena m'għandhomx jinbidlu. Ġie deċiż ukoll li data tal-għeluq tan-nomini għandha tkun nhar it-Tnejn 14 ta' Frar 2011, filwaqt li kien hemm qbil li fis-17 ta' Frar għandha ssir laqgħa nformali fejn jiġu diskussi n-nomini issir.

## 10.1. Tabelli tal-Lokalita` ġodda (T/3/1)

10.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie kkuntattjat minn ditta privata li qed tipproponi illi twaħħal numru ta' tabelli elettroniċi bir-riklami fit-toroq li jinbidlu kull tant ħin. L-istess ditta offriet li wieħed mir-riklami li jkollhom dawn it-tabelli, jkun allokat lill-Kunsill biex jagħmel l-avviżi li jidhirlu hu.

10.3. Il-Kunsillier C. Bartolo kkummenta li biex il-Kunsill jassoċja ruħu f'din il-inizjattiva għandu jiġi aċċertat li r-riklami jew materjal ieħor li jintwera ma jkunux b'xi mod offensivi.

10.4. Il-Kunsill qabel li din l-offerta għandha tingħata konsiderazzjoni.

## 11.1. Tabelli ta' direzzjoni (T/3/1)

11.2. Is-Sindku ppropona li l-ismijiet tal-istabilimenti li ġew inseriti fil-tabella li twaħħlet fi Triq l-Armier kantuniera ma' Triq il-Marfa għandhom jinbidlu mal-ismijiet tal-bajjiet u postijiet oħra ġewwa l-Aħrax.

11.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 12.1. Riforma fit-Trasport Pubbliku (T/5/1/Vol II)(T/3/3/Vol IV)

12.2. Is-Sindku għarraf li saret laqgħa mas-Sur Manuel Delia mill-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, fejn ġiet diskussa l-proposta li għamel il-Kunsill sabiex ir-rotot ewlenin tal-karozzi tal-linja jużaw il-*Bypass* b'waqfiet fi Triq Qasam Barrani, Triq il-Mitħna l-Qadima u fi Triq il-Kbira / Triq l-Iżbark tal-Franċiżi. Is-Sur R. Cutajar qal li l-Ministeru qed jaqbel fil-prinċipju mar-rotta proposta, iżda qed jitolbu li jingħata disinn tal-*junction* ta' Triq il-Mitħna l-Qadima ma' Triq L. Wettinger, li jkun jippermetti l-waqfien tal-karozzi tal-linja.

12.3. Is-Sur R. Cutajar stqarr ukoll li fl-istess laqgħa ġiet diskussa l-proposta li Triq Ġorġ Borg Olivier issir *one-way* għan-niżla. Huwa qal li ż-żona Tas-Sellum tista' tkun milħuqa minn Triq it-Till, Triq il-Marlozz u Triq il-Wied Ta' Ruman. Fi Triq il-Wied Ta' Ruman kantuniera ma' Triq il-Marfa tista' titwaħħal tabella *No Left Turn* sabiex ma jkunux jistgħu jduru vetturi lejn iċ-ċentru tal-Mellieħa.

12.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkumment li bil-proposta deskritta fil-minuta 12.3 ser titneħħa l-ħolqa bejn iċ-ċentru tal-Mellieħa u ż-żona Tas-Sellum. Bl-istess arranġament, mhux ser jibqa' possibbli li l-ħruġ minn Misraħ il-Parroċċa għal Triq Salvinu Vella u Triq l-Erwieħ. Is-Sur Buttigieg ippropona wkoll li l-*Feeder Line* titħalla tgħaddi kontra l-*one-way* fi Triq Ġorġ Borg Olivier. Is-Sindku wieġeb li Transport Malta hija kontra l-proposta li saret dwar il-*Feeder Line*.

12.5. Il-Viċi Sindku E. Bartolo aċċenna għall-fatt illi ħafna sewwieqa li jkunu fi Triq il-Kappillan Magri jew fi Triq Ġorġ Borg Olivier diġa qed jibqgħu neżlin lejn Triq il-Marfa u jduru għal Triq l-Erwieħ, biex jevitaw il-konġestjoni fi Triq Ġ. Borg Olivier.

12.6. Il-Kunsill iddeċieda li dan is-suġġett għandu jitkompla jiġi diskuss fis-seduta li jmiss.

## 13.1. Taħriġ għall-ħaddiema tal-lukandi (T/12/Vol II)

13.2 Is-Sindku għarraf li għaddejjin kuntatti mas-Segretarjat responsabbli mit-Turiżmu sabiex jiġi organizzat kors għall-ħaddiema involuti fl-industrija tal-ospitalita` li jitratta l-istorja u l-attrazzjonijiet li wieħed isib fil-Mellieħa. Is-Sur R. Cutajar stqarr ukoll li dan it-taħriġ ġie diskuss waqt laqgħa li saret mal-*general managers* tal-lukandi li saret fit-11 ta' Jannar 2011. Laqgħa simili ser issir mal-operaturi tar-ristoranti fit-18 ta' Jannar 2011.

13.3 Il-Kunsill approva din l-inizjattiva.

## 14.1. PA 825/07 – Bini ta' impjant għall-Ippakkeġġjar tal-Ħut f'Selmun (P/5/8/I)

14.2. Is-Sindku rrefera għall-permess msemmi li ġie deċiż mill-Kummissjoni dwar il-Kontroll tal-Iżvilupp fi ħdan il-MEPA fis-16 ta' Frar 2010. Huwa qal li dan jinvolvi t-twaqqiegħ ta' *farm* tat-tiġieġ u minfloku jinbena stabbiliment għall-ippakkeġġjar tal-ħut, imħażen u uffiċini. Il-

binja ġiet approvata b'żewġ sulari, b'wieħed minnhom taħt il-livell tat-triq. Huwa qal ukoll li meta l-applikazzjoni ġiet imħabbra, jidher li ma kienu saru ebda rappreżentazzjonijiet kemm mir-residenti, kif ukoll mill-Kunsill. Is-Sur R. Cutajar aċċenna wkoll illi l-art hija pubblika u ġiet mikrija lill-iżviluppaturi - Pisciclulture Marine de Malte Ltd.

14.3. Is-Sur R. Cutajar qal li qed jittieħdu l-pariri meħtieġa sabiex il-Kunsill jirreżisti dan l-iżvilupp billi huwa jemmen li mhux kompatibbli mal-*heritage trail* ippjanat f'Selmun, kif ukoll li ser jikkawża disturb f'żona rurali u r-residenti tal-madwar, kawża tal-attivita` li tiġi ġġenerata fl-istabbiliment.

14.4. Il-Kunsill innota approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 15.1. Stat ta' indafa fil-postijiet għall-ikkampjar (C/4/Vol III)

15.2. Inġibdet l-attenzjoni li l-istat ta' indafa fl-inħawi fejn hemm il-postijiet tal-ikkampjar ġewwa l-Aħrax mhux wieħed sodisfaċenti, għaliex minn imur hemmhekk mhux qed jieħdu l-iskart miegħu, iżda jħallih fuq il-post. Dan minkejja l-*patrols* li qed isiru mill-Gwardjani Lokali u l-Pulizija fi tmiem-il ġimgħa.

15.3. Ġie deċiż li l-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart għandu jiġi mitlub iqiegħed numru adekwat ta' *skips* fil-postijiet għall-ikkampjar, kif ukoll fi Triq l-Armier, kantuniera ma' Triq Ramlet il-Qortin.

### AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fid-9.45pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta l-1 ta' Frar 2011, fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar<br>**Sindku** | Carmel Debono<br>**Segretarju Eżekuttiv** |